**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 25 – 5 ta' Novembru 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 25. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 24 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 24 jiġu approvati hekk kif preżentati. Hi ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (111).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punt 2.3.2 tal-minuti u qal li huwa qara artiklu 82 u li kkonsulta wkoll ma' avukat, u qal li jista' jgħid li huwa jħoss li l-stqarrija li hemm f' dak il-punt tal-minuti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghal daqstant huwa kien qiegħed jirrexindi ruħu minn dik l-istqarrija.

2.1.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li meta ressaq il-petizzjoni huwa għamel dan f' isem ir-residenti u huwa ma kienx involut fil-ġbir tal-petizzjoni.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wieħed irid jistabilixxi li l-petizzjoni li tressqet mill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista setgħet ġiet ippreżentata *in buona fede* minn dawn il-Kunsilliera iżda minn ġabarha u għaddiha lil dawn il-Kunsilliera ma għamilx dan *in buona fede*. Is-Sindku Alfred Grixti qal li meta xi ħadd jieħu inizjattiva bħal din irid jaċċerta ruħu li l-mod kif nġabret ma jkunx mod li jista' jikser xi dispożizzjoni tal-liġi.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jħoss li hemm bżonn li jiġi ċċarat mal-grupp tal-ganutell id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fuq dawn il-korsijiet peress li kien hemm min kien qed imexxiha li l-Kunsill ma kienx qiegħed jisponsorja din l-attivita` kif sar fl-imgħoddi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikazzjonijiet għal dan il-kors kienu għadhom mhux lesti minħabba li f' dik il-ġimgħa l-Kunsill kien għaddej bit-tilqim tal-influwenza, iżda spjega li huwa kien f' kuntatt ma' individwi ta' dan il-grupp u ġie spjegat lilhom li l-korsijiet ġew approvati mill-Kunsill u li l-applikazzjonijiet kienu se joħroġu fil-jiem li ġejjin.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera dwar iċ-ċirkulari li qassam dwar il-laqgħa plenarja tal-Kunsilliera li se ssir nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' laqgħat preċedenti ssemmiet il-problema tal-parkeġġ fi Triq Dun Bartilmew Attard. Is-Sindku qal li teżisti problema

komuni ta’ parkeġġ ġewwa Ħaż-Żebbuġ minħabba li stabilimenti li jiftħu ma jużawx il-parkeġġi tagħhom kif suppost għax jintużaw bħala mħażen jew inkella minħabba li l-garaxxijiet tal-blokkok il-ġodda li qegħdin jitilgħu f’ Ħaż-Żebbuġ qegħdin jinbiegħu separatament. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa għamel kuntatt mac-CEO tal-MEPA u ġie mwiegħed li tittieħed azzjoni dwar il-gym fi Triq Dun Bartilmew Attard. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li waqt il-laqgħa tas-Sindku u l-Viċi Sindki ġie diskuss il-problemi ta’ parkeġġ u se jinħareġ pjan ta’ konsultazzjoni mal-Kunsilli kollha.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni għas-siġar taż-żebbuġ li hemm fi Vjal il-Ħelsien u qalet li kien hemm bżonn tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-soft areas. Il-Kunsillier George Cortis qal li kien hemm min ġibidlu l-attenzjoni li persuni mhux magħrufa kienu qegħdin jiġbdu dawn is-siġar u jaqtawhom mill-ħamrija.

4.3. Il-Kunsillier Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta’ pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Robert Tabone ivvota favur iżda astjena fuq punt 4. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ivvota favur iżda astjena fuq punt 6.

Il-pagamenti ġew approvati (112).

4.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li jieħu gost jinnota li ntlaqgħat it-talba tiegħu u saru t-tabelli ta’ merħba int u dieħel Ħaż-Żebbuġ.

4.5. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ġibed l-attenzjoni għal bżonn ta’ żamma tal-ordni fi Triq Mikiel Anġ Sapiano minħabba pparkjar bl-addoċċ li jsir. Is-Sindku Alfred Grixti talab li tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet fuq dawn l-abbużi.

## 5. ĦRUĠ TA’ TENDERS

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera li kien hemm numru ta' tenders li kienu se jiskadu u għalhekk kien hemm bżonn li dawn it-tenders jerġgħu jinħarġu. Is-Segretarju kompla jgħid li kien hemm disa' tenders li kien hemm bżonn li joħorġu. Dawn huma t-tender tat-tiżjin tal-Milied, tender tal-Events u Marketing Coordinator, tender tat-tindif tas-soft areas, tender tal-accountant, tender tal-printer, tender tal-perit, tender tal-streetlighting, tender tat-tabelli u s-sinjali, u t-tender tal-patching u tiswija ta' toroq urbani. Is-Segretarju spjega li jkun għaqli li dawn jinqasmu f' 2 gruppi u għalissa jinħarġu biss 4 tenders u f' Jannar jinħarġu 5 tenders oħra.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex tinħareġ sejħa għal tenders għat-tiżjin tal-Milied, tenders għas-servizz ta' Events u Marketing Coordinator, tender għas-servizz ta' accountant u tender għat-tindif u manutenzjoni tas-soft areas u li t-tender tat-tiżjin tal-Milied idum miftuħ ħmistax biss minħabba l-urġenza tiegħu. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (113)

## 6. ĦATRA TA' AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-Memo mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan is-suġġett. Wara li saret diskussjoni il-Kunsillier Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex tiġi nominata Anthea Galea bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Dr. Roderick Aquilina, Duncan Bartolo George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (114).

## 7. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

7.1. Il-Kunsillier Philip Said qassam kopja tal-programm tal-Healthfest lill-Kunsilliera.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal-5 ta' Diċembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fis-7.35pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |